**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 412/2018 AF**

**BNF Bank plc gjà Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**John Paul u Marie Stell sive Stelle Scicluna**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' BNF Bank plc gjà Banif Bank (Malta) plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-kumpannija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha.

Il-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija esponenti u hadu minghandha self biex jigi finanzjat l-akkwist ta' residenza f'Malta u proprjetà ohra fil-Brazil.

Is-self kien jikkonsisti fis-segwenti:

a. House Loan – wiehed u ghoxrin elf, tlett mija u sittin Ewro u sitt centezmi (€21,360.06), u
b. Equity Release Loan – mitejn u zewgt elef Ewro (€202,000).

Dan is-self gie moghti ai termini ta' zewg kuntratti pubblikati fis-6 ta' Dicembru 2011 fl-Atti tan-Nutar Dr. Pierre Cassar (ara Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament) u kif ukoll il-Credit Agreement relattiv datat 14 ta' Novembru 2011 (ara Dok. 'C').

Il-konvenuti naqsu milli jhallsu lura dan is-self u konsegwentement, l-ammonti dovuti minnhom, huma kif gej:

a. ghoxrin elf, erba' mija u sittax-il Ewro u sitta u sittin centezmu (€20,416.66), dovuti fuq il-House Loan (Account numru 231789 71 1) u li sas-16 t'April 2018 kienu jinkludu imghaxijiet t'elf, sebgha u sittin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1,067.74) (ara Dok. 'D'), u

b. mija u wiehed u disghin elf, disa' mija u sebgha u sittin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€191,967.92), dovuti fuq l-Equity Release Loan (Account numru 231789 71 2) u li sas-16 t'April 2018 kienu jinkludu imghaxijiet ta' tnax-il elf, mitejn u erbgha u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€12,254.33) (ara Dok. 'E').

L-ammonti fuq imsemmija, saru dovuti fl-intier taghhom mill-konvenuti lill-kumpannija esponenti ai termini ta' klawsola 9(r) tal-Credit Agreement markat Dok. 'C' u dan stante li sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility".

Relatati mad-dejn fuq citat, hemm dovuti wkoll xi spejjez Bankarji, ossija sitt mija u wiehed u erbghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€641.35), bl-imghaxijiet ta' zewg Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€2.84) mahduma sas-16 t'April 2018 u inkluzi maghhom u dawn l-ispejjez jinsabu migbura fil-Current Account tal-konvenuti bin-numru 231789 10 1 (ara Dok. 'F').

Dawn l-ispejjez bankarji saru dovuti ai termini ta' klawsola 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'G') u klawsola 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'H') marbuta mal-Current Account.

In vista tas-suespost l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti lill-kumpannija esponenti sas-16 t'April 2018, kien ta' mitejn u tlettax-il elf, hamsa u ghoxrin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€213,025.93).

Il-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 16 ta' Marzu 2017 (ara Dok. 'I') u ittra ufficcjali numru 1434/2017 datata 17 t'April 2017 u prezentata fir-registru ta' din il-Qorti (ara Dok. 'J'), izda dawn baqghu inadempjenti.

Il-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija esponenti.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tiddikjara li l-konvenuti saru debituri tal-kumpannija esponenti, solidalment bejniethom, fl-ammont ta' €213,025.93; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-kumpannija esponenti, solidalment bejniethom, l-ammont ta' €213,025.93;

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mis-16 t'April 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini:

1. tal-Credit Agreement markat Dok. 'C' u msemmi aktar 'l fuq u t-Tariff of Charges relattivi ghall-House Loan u l-Equity Release Loan fuq imsemmija (ara Dok. 'K'); u

2. tat-Terms and Conditions u l-Conditions of Use, rispettivament markati Dok. 'G' u Dok. 'H' u msemmija aktar 'l fuq u t-Tariff of Charges (ara Dok. 'L') relattivi ghall-Current Account.

L-imghaxijiet qed jintalbu:

1. bir-rata ta' sitta punt erbgha hamsa fil-mija (6.45%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Loan Account numru 231789 71 1 u bir-rata ta' tmienja punt hamsa fil-mija (8.5%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Loan Account numru 231789 71 2 u dan ai termini ta' klawsoli 5 u 9(w) tal-Credit Agreement markat Dok. 'C' u msemmi aktar 'l fuq; u

2. bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi u dan ai termini tat-Tariff of Charges relattivi (ara markat bl-ahdar fuq Dok. 'L').

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2018 fejn il-Qorti awtorizzat lill-intimati jressqu l-eccezzjonijiet taghhom ghall-kawza u ghal dan l-iskop ipprefiggiet terminu ta' ghoxrin jum.

Rat li ma tressqet ebda eccezzjoni ghall-kawza izda tressqet nota' ta ammissjoni tal-intimata Marie Stell (sive Stelle) Scicluna u nota ta' ammissjoni ohra tal-intimat John Paul Scicluna.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimati ihallsu lil BNF Bank p.l.c. gjà Banif Bank (Malta) plc is-somma ta' mitejn u tlettax-il elf u hamsa u ghoxrin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€213,025.93), bl-ispejjez u bank charges kif mitluba fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet mis-16 ta' April 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn John Paul Scicluna u Marie Stell sive Stelle Scicluna.

IMHALLEF

DEP/REG